MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2006

Numru 470/1999

Il-Pulizija
Spettur Martin Bayliss
vs
Joseph Farrugia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fid-9 ta' April, 1991, xi hin bejn is-1.30 p.m. u s-2.30p.m. fit-Triq Marsaxetto, il-Belt Valletta, flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa kkommetta serq ta' somma ta' flus ghal madwar LM7,000 (sebat elef Liri Maltin), ghad-dannu ta' Anthony Farrugia u kif ukoll tas-socjeta' Bathroom Design Limited ta' Hal-Lija, u liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-valur u bil-lok, u dan kollu bi ksur ta' l-Artikoli 262 (1) (a), (b), 267, u 269 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li

fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Anthony Farrugia, b'arma tan-nar, u cioe' senter, impjegat tas-socjeta Bathroom Design Limited ta' Hal-Lija kontra l-volonta tieghu, u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 86 u 87 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' LM 7,000 (sebat elef Liri Maltin) u oggetti ohra, jew xjentement, b'kul mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew immexxihom u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm f'xi fond arma tan-nar (senter) jew munizzjon, jew kellu f'idu jew fuqu arma tan-nar (senter) jew munizzjon izda mhux f'fond jew f'post li jaghmel mieghu, u dan kollu bi ksur ta' L-Artikolu 3 (1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, gie fil-pussess ta' arma tan-nar (senter) jew minizzjon xort'ohra milli b'licenzja u naqas li minnufih jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 9 (1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 289 tal-Kodici Kriminali, meta fit-22 ta' Marzi, 1972 kien instab hati f'Guri dar serq aggravat u ikkundannat hdax (11) il-xahar habs, u kif ukoll talli fl-10 ta' Jannar, 1983, mill-Qorti tal-Appell Kriminali kien ukoll instab hati dwar serq aggravat u ikkundannat tmien (8) xhur habs, kif ukoll fil-15 ta' Marzu 1994 mill-Qorti ta' l-Appell minn guri kien instab hati dwar serq aggravat u kkundannat tlettax (13) u nofs prigunerija u iktar talli fit-2 ta' Marzu 1999, mill-Qorti tal-Appell Krimiali kien instab hati fuq sekwestru illegali ta' persuna u kkundannat seba' (7) snin habs;

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tal-5 ta’ Awissu, 2002 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikoli 262 (1) (a) (b), 267, 269, 275, 277, 279 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 86, 87 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikoli 3 (1), 9 (1) tal-Kapitolu 66;
(e) Fl-Artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali;
Semghet lill-imputat iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Rat illi minkejja li l-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza fil-5 ta’ Awissu, 2002 minn dakinhar, jigifieri il-5 ta’ Awissu, 2002 sa Ottubru, 2005 id-difiza baqghet ma ghamlet xejn u ma ressqet l-ebda prova. L-Ufficjal Prosekutur irrileva illi d-difiza inghatat zmien bizzejjed sabiex tressaq il-provi taghha u dan ma ghamlitux. Il-Qorti wara li rat li l-Ufficjal Prosekutur kellu ragun halliet il-kawza ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghas-16 ta’ Dicembru, 2005. Dakinhar ma sar xejn peress illi la l-imputat u lanqas l-Ufficjal Prosekutur ma dehru u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum. Il-Qorti inoltre tirrileva illi minkejja li l-kawza kienet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu l-Avukat difensur ta’ l-imputat ma ghamel l-ebda rikors fejn talab il-prolazzjoni tas-sentenza. Ghaldaqstant il-Qorti sejra tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fid-9 ta’ April, 1991 kienet saret hold up f’Marsamxetto Road il-Belt Valletta fuq vettura proprjeta ta’ Bathroom Design Limited; liema vettura kien qed isuqha certu Anthony Farrugia, li kien jahdem mal-Bathroom Design. Anthony Farrugia kien sejjer jiddeposita xi flus, u precizament ammont ta’ seba’ telef lira, meta waqqfitu l-vettura tal-marka Triumph ta’ lewn abjad li kien fiha tnejn minn nies, wiehed minn dawn it-tnejn ippunta senter fid-direzzjoni tieghu u hadlu seba telef lira flimkien ma l-attache case, jew il-brief case li

kellu u li fiha kien hemm dawn il-flus. Fid-9 ta' Gunju, 1992 kienet ittiehdet stqarrija tal-imputat fuq imsemmi. Is-Supretendent Bayliss, meta xehed, kien informa lill-Qorti illi kien sar rikors mill-Magistrat Inkwirenti sabiex jigi imqabbel "finger print" li kienet tinsab fil-"briefcase", li aktar tard kienet instabet minn mara fil-Madliena, mal-impronti digitali tal-imputat fuq imsemmi, u irrizulta li dan il-finger print li instab fuq il-brief case kif intqal kien tal-imputat. Kien ghalhekk illi s-Supretendent Bayliss kellem lill-imputat fuq imsemmi u hadlu stqarrija illi wkoll giet esebita f'dawn il-proceduri. In kontro-ezami, is-Supretendent Martin Bayliss xehed illi l-hold up sehh fl-1991, fl-1992 l-ex Spettur Charlie Demicoli kien baghat ghall-imputat. Ir-rikors sabiex jitqabbel il-finger print sar mis-Supretendent Paul Sammut fil-11 ta' Marzu, 1998 u fl-1999 tressaq l-imputat fuq imsemmi akkuzat bir-reati dedotti kontra tieghu f'din l-imputazzjoni.

Illi l-Qorti rat l-ewwel stqarrija li irrilaxxja l-imputat fid-9 ta' Gunju 1992. F'din l-istqarrija l-imputat kien qal illi ma kienx jaf lil certu Anthony Farrugia mir-Rabat jew mill-Imtarfa, u li qatt ma kellu xi negozju mal-Bathroom Design. Mistoqsi fejn kien fid-9 ta' April, 1991 l-imputat wiegeb li ma jafx peress illi dan ilu aktar minn sena. Mistoqsi jekk dakinhar marx lejn il-Belt Valletta u precizament f'Marsamxetto Road, qal illi huwa jidhol il-Belt, imma jidhol biss meta jkollu l-Qorti. Huwa qal illi meta jidhol il-Belt jidhol bil-karozza tieghu, jghaddi minn fuq Kastilja ghal Old Bakery Street, u jitla minn fejn Cordina u jipparkja Strada Stretta u qatt ma jinzel fid-direzzjoni ta' Marsamxetto Road. Mistoqsi dwar il-hold up li sehh f'April, 1991 f'Marsamxetto Road il-Belt, fuq impjegati tal-Bathroom Design, l-imputat cahad kull involviment f'dan ir-reat. Dakinhar huwa qal ukoll lill-Ispettur illi li kieku kellu xi informazzjoni illi huwa kien involut imissu ressqu dakinhar u mhux sena wara. Mistoqsi jekk fiz-zmien in kwistjoni kellux Triumph ta' lewn bajda qal illi ma kellux, izda ma jafx x'karozza kellu peress illi huwa biddel hafna karozzi u dana peress illi huwa qal illi bix-xoghol tieghu kien jixtri l-karozzi minn fuq l-idejn u ibieghhom. L-imputat qal ukoll illi huwa qatt ma mar lejn

in-nahat tal-Madliena.  Huwa kien ghazel illi ma jiffirmax l-istqarrija.

Illi meta l-imputat gie mitkellem mis-Supretendent Martin Bayliss huwa irrilaxxja stqarrija ohra datata l-1 ta’ Mejju, 1999.  Inqratlu l-ewwel stqarrija li kien irrilaxxja lill-ex Spettur Demicoli u mistoqsi setghax jikkonfermaha qal illi minn dakinhar sa illum nesa.  Mistoqsi jekk kellux x’jaqsam ma hold up li sehhet f’Marsamxetto Road il-Belt Valletta fid-9 ta’ April, 1991, wiegeb li ma jaf xejn dwarha u ma kellu x’jaqsam xejn ma dan il-“hold up”.  Qal ukoll illi lanqas biss jaf fejn jigi dan il-post, jigifieri Marsamxetto Road il-Belt Valletta.  Mistoqsi jekk jiftakarx fuq “hold up” li kien sehh fuq van tal-Bathroom Design, fejn kienu insterqu sebat elef lira fi flus kontanti li kienu f’envelope kannella, li kienet f’bagalja f’vettura ta’ l-istess kumpannija, l-imputat qal li ma jiftakar xejn fuq dan il-“hold up”.  Mistoqsi jekk kellux konnessjoni mad-ditta Bathroom Design qal illi ma kellux u lanqas biss jaf fejn hija ix-showroom, jew il-fabbrika tal-Bathroom Design u dana minkejja li huwa joqghod B’Kara.  Mistoqsi kemm ilu l-habs, l-imputat wiegeb li kien ilu seba’ snin dritti.  L-imputat gie mistoqsi fl-istqarrija dwar it-talba li kienet saret fit-18 ta’ Novembr, 1997 quddiem il-Magistrat Inkwirenti sabiex jitqabblu xi fingerprints li kienu jinsabu fuq xi dokument fl-atti tal-inkjesta dwar dan il-“hold up”.  Inhatru esperti mill-Magistrat Inkwirenti, li wara li ikkomparaw l-impronti digitali tal-imputat mal-impronti li kien hemm esebiti fl-inkjesta instab illi kien hemm impronta minnhom kienet taqbel mal-marka tas-sebgha tan-nofs ta’ l-id tax-xellugija tieghu.  L-imputat gie mistoqsi jekk jistax jispjega kif il-“fingerprint” tieghu spiccat f’dan id-dokument u l-imputat wiegeb li ma jafx kif spicca hemm hekk ghaliex huwa ma kellu x’jaqsam xejn ma dan il-“hold up”.  Mistoqsi qattx kellu Triumph Toledo ta’ lewn abjad, jew xi vettura Truimph 1300, l-imputat wiegeb li qatt ma kellu.  Dwar il-“hold up” l-imputat qal li ma jiftakar xejn u lanqas biss jiftakar li kien gie interrogat dwaru.  Rega’ gie mistoqsi dwar il-“finger print” tieghu u qal li ma kellu xejn x’jispjega.  Huwa qal ukoll illi qatt ma mar il-Madliena u li fiz-zmien in kwistjoni huwa kellu il-Honda tal-mara tieghu, kellu Porsche u Chrysler proprjeta tieghu u qabel dahal il-

habs huwa baqa’ b’dawn il-vetturi u illum il-gurnata bieghhom. L-imputat baqa’ jghid sal-ahhar li ma kellu x’jaqsam xejn ma dan il-“hold up” u ghazel ukoll illi ma jiffirmax l-istqarrija.

Illi xehed PC 958 Anglu Caruana, illi fuq inkarigu tal-Magistrat Inkwirenti kien ghamel ezami komparattiv bejn il-lifters, jew ritratti tal-lifters li kien hemm fil-process verbal mal-kollezzjoni ta’ “finger prints” li ghandha il-pulizija. L-ezami komparattiv, skond ix-xhud sar mal-kollezzjoni kollha tal-fingerprints li ghandha il-pulizija. Huwa xehed li ma kienx hu li ha l-impronti digitali tal-imputat u lanqas biss kien ra lill-imputat f’dan il-kaz, u fil-prezenza tax-xhud ma kienu ittiehdu l-ebda fingerprints tal-imputat.

Illi xehed David Camilleri, il-proprjetarju tal-istabbiliment tal-Bathroom Design, u dwar il-kaz in kwistjoni xehed illi Anthony Farrugia kien impjegat mieghu, u anke certu Grezzju Farrugia kien impjegat mieghu. Huwa deherlu li Grezzju Farrugia kienu jghidulu “tal-Kampjun”. Huwa xehed illi xi hadd kien gibidlu l-attenzjoni ghal Grezzju Farrugia ghaliex kellu xi “record” kriminali mal-pulizija. Huwa kien zammu jahdem mieghu madwar erba’ xhur u keccih minn mieghu xi gimgha u nofs wara li kien gara l-kaz. Dwar Anthony Farrugia huwa xehed illi dan kien telaq minn jeddu xi sena wara li gara l-kaz.

Illi xehdet Maria Camilleri u qalet li fid-9 ta’ April, 1991, kienet sabet bagalja taht sigra fil-Madliena. Hi ma ftakritx jekk il-bagalja kienitx miftuha jew maghluqa. Taf illi r-ragel taghha, wara li qaltlu b’dak li kienet rat, kien mar ghall-bagalja. Flimkien raw id-dokumenti li kien fiha l-bagalja u indunaw li l-bagalja kienet tappartjeni lil Bathroom Design. Di fatti kienu cemplu lil tal-Bathroom Design u qalulhom li kienu sabu l-bagalja.

Illi xehed l-ex Spettur Charles Demicoli u qal illi ilu nieqes mill-Korp tal-Pulizija minn 1993 u dwar dan il-kaz ma jiftakar xejn, u dan minkejja l-fatt illi hu kien ha l-istqarrija tal-imputat.

Illi xehed f'dawn il-proceduri Anthony Farrugia u qal illi fl-1991 kien jahdem fil-Bathroom Design bhala Sales representative. Inoltre kien ikollu wkoll xi dokumenti illi kien ikollu jghaddihom id-Dwana. F'April, 1991, kien inqala incident. Hu kien ghaddej minn Triq l-Assedju il-Belt Valletta, qabzitu karozza, u semgha lil xi hadd jghidlu kliem bhal "Ersaq halli nghaddu." Kien warrab fil-gemb, pero' ma lahaqx kiser l-isteering ghaliex habat mal-bankina. Fil-pront is-sewwieq ta' din il-vettura tefgha quddiemu b'mod illi imblokkalu t-triq. Hareg ragel mill-karozza u gie fuqu, hareg bhal xi arma u qallu biex jaghtih il-bagalja. Sakemm dar biex jaghtih il-bagalja dan nehhielu l-ignition key. Hu tah il-bagalja u dan ir-ragel sparixxa bic-cavetta tal-vettura tieghu u bil-bagalja li kien fiha sebghat elef lira fi flus in kontanti. Farrugia xehed illi r-ragel kellu wiccu mikxuf u mhux mghammad. Pero' peress illi kellu qatgha kbira fuqu dakinhar, x'aktarx li jekk jerga jarah ma jarfux. Meta hares lejn l-imputat Farrugia, qal illi ma kienx qieghed jgharfu. Hu xehed li kien ghadda hafna zmien. Il-vettura kienet ta' l-ghamla Triumph 1300 kulur "beige". Il-bagalja li kellu dakinhar kienet attache case ta' lewn iswed u apparti il-flus huwa f'din l-attache case kellu xi dokumenti tad-Dwana u forsi xi affarijiet ohrajn personali. Farrugia xehed illi l-pulizija ma kienux urewh il-bagalja u l-kontenut taghha. Huwa xehed illi dakinhar meta hareg mill-ufficju ma kienitx gurnata bhal tas-soltu. Is-soltu meta kien imur id-Dwana kien imur filghodu u mhux wara nofsinhar. Huwa xehed illi peress illi huwa kien pulizija qabel kien joqghod attent li ma jiehux dejjem l-istess rotta, izda kull darba jaqbad rotta differenti. Huwa xehed illi fejn kien jahdem kulhadd kien jaf illi meta jmur id-Dwana kien imur bi flus in kontanti u mhux b'cheques.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' natura serja hafna fosthom "hold up", serq aggravat, sekwestru ta' persuna, u talli zamm jew kellu fuqu armi tan-nar.

Illi l-unika prova li torbot lill-imputat ma dak kollu illi gara hija l-impronta digitali li tikkorrispondi ma impronta digitali

tas-sebgha ta' idu ix-xelluga; liema impronta digitali instabet fuq bicca karta illi kienet fl-"attache case" illi insterqet minghand Farrugia dakinhar li sehh id-delitt in kwistjoni.

Illi l-impronta digitali illi taqbel ma l-impronta digitali tas-sebgha ta' l-id ix-xellugija ta' l-imputat instabet fuq bicca karta li fuqha kien hemm miktub xi kliem bil-biro. Illi ma giex specifikat x'inhuma dawn il-kliem li kienu miktuba bil-biro fuq din il-bicca karta.

Illi l-fatt wahdu illi tinstab impronta digitali fuq bicca karta; liema karta kienet fl-"attache case" li insterqet dakinhar in kwistjoni u li fiha kien hemm sebghat elef lira fi flus in kontanti, ma jwassalx lill-Qorti ghall-konvinciment morali illi kien l-imputat illi wettaq ir-reati illi jinsab akkuzat bihom.

Illi l-istess ex Spettur Charles Demicoli illi kien investiga dan il-kaz, meta xehed fil-Qorti qal illi ma jiftakar assolutament xejn dwar il-kaz.

Illi l-impjegat tal-"Bathroom Design", is-Sur Farrugia, meta ra lill-imputat il-Qorti qal illi ghadda hafna zmien u li assolutament ma jiftakarx illi qatt ra lill-imputat qabel.

Illi l-Qorti ma tistax ukoll ma tirrimmarkax dwar il-mod kif il-pulizija mexxiet l-investigazzjoni taghha f'dan il-kaz.

Illi meta sehh il-"hold up" in kwistjoni l-Ispettur Martin Bayliss xehed illi kien stazzjonat is-CID u kien jaf b'dan il-kaz. Huwa xehed illi l-investigazzjonijiet dak iz-zmien kienu qed isiru wkoll mill-Ispettur Dominic Attard u mill-Ispettur tas-CID Charles Demicoli. L-Ispettur Bayliss xehed illi kien spicca mis-CID dak iz-zmien u mar f'sezzjoni ohra fil-pulizija u l-file kien komplih l-Ispettur Charles Demicoli. L-istess Spettur, illum ex Spettur, xehed fil-Qorti u qal li ma jiftakar assolutament xejn dwar dan il-kaz, minkejja l-fatt illi kien ha l-istqarrija tal-imputat f'Gunju, 1992, jigifieri aktar minn sena wara li sehh l-allegat reat. L-Ispettur Bayliss kompla jixhed illi minn Frar 1999 kien rega' sab ruhu is-CID u l-file gie mghoddi lilu biex ikompli l-investigazzjonijiet u fil-fatt l-

investigazzjonijiet kienu ghaddejjin mis-Supretendent Paul Sammut, fejn irrizulta illi l-Ispettur Sammut kien ghamel rikors lill-Magistrat Inkwirenti sabiex il-“finger prints” li kienu gew elevati fl-inkjesta jigu komparati mal-“finger prints” illi ghandhom il-pulizija fir-records taghhom, u f’Mejju, 1999 l-Ispettur Bayliss baghat ghall-imputat, investigah u ressqu l-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.

Illi jirrizulta ghalhekk illi r-rikors tal-Ispettur Sammut sar fl-1998, u cioe’ seba’ snin wara li sehh l-allegat reat u kien biss sena wara li sar ir-rikors tressaq l-imputat il-Qorti; jigifieri tmien snin wara li sehh l-allegat reat.

Illi l-imputat mill-ewwel darba li gie mitkellem fl-1992 sal-gurnata tal-lum dejjem baqa’ jichad l-involviment tieghu f’dawn ir-reati.

Illi ma tezisti l-ebda prova ohra li tista b’xi mod tikkollabora il-fatt illi kien hemm l-impronta digitali tal-imputat fuq bicca karta illi instabet fl-“attache case” li insterqet dakinhar tal-“hold up”, u ghalhekk il-provi tal-prosekuzzjoni huma wisq debboli u insufficjenti sabiex iwasslu lill-Qorti ghall-konvinciment morali rikjest ghas-sejbien ta’ htija f’dan il-kaz. Illi dan il-fatt, marbut ukoll mal-fatt illi l-pulizija ressqet lill-imputat il-Qorti tmien snin wara li sehhu l-allegati reati, iwasslu lill-Qorti sabiex tkun ferm insodisfatta bil-mod kif saru l-investigazzjonijiet tal-pulizija f’dan il-kaz.

Illi ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, filwaqt illi l-Qorti tiddikjara li l-Prosekuzzjoni ma irnexxielix tipprova l-akkuzi fil-konfront tal-imputat, il-Qorti qeghda tiddikjara lill-imputat mhux hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u qeghda tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------